MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GUDIKATURA KRIMINALI)
# KUMPILAZZJONIJIET - NORMALI

**MAGISTRAT DR.**
**HAYMAN MIRIAM LL.D.**

Seduta tal-11 ta' Mejju, 2001

Numru 493/1997

**Il-Pulizija**
**(Sp. Pierre Micallef-Grimaud)**

**vs**

**Marco Vella ta' 29 sena, iben**
**Francis u Dolores nee Ebejer,**
**mwieled B'Kara fis-6 ta' Ottubru, 1967**
**u residenti 'Ruth House', Dr Chetcuti Street,**
**Mosta, detentur tal-karta ta' l-identita'**
**numru 409067 (M).**

**Illum 11 ta' Mejju, 2001.**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza kontra l-hawn fuq imsemmi Marco Vella li giet akkuzat talli nhar il-Hadd 21 ta' Settembru, 1997, ghal habta tas-6.15 a.m., fi Triq G. Borg Olivier, San Giljan, bil-hsieb li jaghmel delitt ura dan il-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt, billi pprova jisraq diversi oggetti minn gewwa l-hanut bl-isem "Urban Jungle", ghad-dannu ta' Richard Claland, liema serq huwa aggravat bil-mezz, bil-valur u bil-hin, liema delitt ta' serq ma giex esegwit minhabba xihaga accidentali w indipendenti mill-volonta' tal-hati,

U aktar akkuzat talli fl-istess jum, lok, hin u cirkostanzi, volontarjament hassar, jew ghamel hsara fuq bieb tal-hgieg tal-imsemmi hanut "Urban Jungle", propjeta' ta' Richard Claland liema hsara ma tiskorrix hamsin lira Maltin (Lm 50), imma hija izjed minn ghaxar liri Maltin (Lm 10).

Rat ir-rinviju ta' l-Avukat Generali fejn intbaghtu l-artikoli taht liema haseb li tista' tinstab htija u cioe:

41 (1) (a), 261 (b)(c)(f), 263, 264, 265, 266, 267, 270, 278, 330, 279, 280, 281, 20, 21, 325(b), 17(b) u 533 tal-Kap 9.

Rat li l-akkuzat Marco Vella ma kellu ebda oggezzjoni biex din il-kawza tigi deciza bi proceduri sommarji.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjonijiet.

Ikkonsidrat.

Illi jirrizulta b'mod sodisfacenti mill-provi prodotti illi l-akkuzat inqabad gewwa l-hanut Urban Jungle u hemm gie sfrattat ghax inqabad milli jkompli jesegwixxi s-serqa li kien dahal biex jaghmel mill-istess hanut.  Gie pruvat ukoll illi huwa acceda fl-istess hanut billi kisser il-vetrina tal-hgieg ta' l-istess liema hsara tammonta ghal erbghin lira Maltin, il-hsara kkagunata fis-serratura ma gietx pruvata.

Irrizulta wkoll mill-atti li m'hemmx qbil ma' dak li kellu jkun l-ammont ta' l-affarijiet li kienu soggetti tas-serqa. Infatti Richard Claydon li hu l-General Manager ta' Time International li topera n-negozju Urban Jungle xehed illi huwa ra arloggi spustjati minn posthom ghal ammont ta' Lm1000. Min-naha l-ohra l-espert nominat mill-Qorti William Cassar Torreggiani, inkarigat biex jistabilixxi s-somma tal-oggetti allegatament misruqa, pprezenta r-relazzjoni tieghu u wasal ghall-ammont fl-ebda stadju ma gie kkontestat mill-prosekuzzjoni jew difiza.

Illi maghmula l-premessi konsiderazzjonijiet il-Qorti hija konvinta mil-htija ta' l-akkuzat u dan wara li rat l-artikoli 41(1)(a), 261(b), (c), (f), 263, 264, 265, 266, 267, 270, 278, 330, 279 (a), 280, 281, 20, 31, 325(c), 17 u 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Dwar il-peina, rat il-Fedina Penali ta' l-imputat li ma tirrifletti xejn sabih fuq il-komportament tieghu u l-allegament tieghu fis-socjeta', semghet ukoll lil Josette Camilleri li xehdet dwar il-progress li Marco Vella qieghed jaghmel biex johrog mill-problema ta' l-addiction li ghandu, semghet ukoll lil Robert William Blythe li ukoll xehed dwar il-progress li qed jaghmel l-imputat, kif ukoll id-dokument minnu esebit Dok RB1, rat l-artikolu 5 tal-Kap 152, tqis li stante l-progress li ghamel sal-llum jimmerita l-ahhar cans u ghalhekk qeghda tqeghdu taht ordni ta' probation u tahtar lil Marietta Lanzon ghal zmien sentejn mil-llum.

Magistrat Dr Miriam Hayman LL. D.